

Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors ineżami.
- 2) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent imressqa mill-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA.
- 3) Grupa Azoty ATT Polymers GmbH għandha tbat l-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni Ewropea.
- 4) L-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 14.7.2014.

Digriet tal-Qorti ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2015 – P-D Glasseiden et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-272/14) ⁽¹⁾

(“Għajnuna mill-Istat — Miżuri adottati mill-ġermanja favur l-elettriku prodott minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u favur impriżi li jagħmlu użu intensiv tal-enerġija — Deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE — Adozzjoni tad-deċiżjoni finali sussegwentement għall-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2015/C 294/75)

Lingwa tal-kawża: il-ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: P-D Glasseiden GmbH Oschatz (Oschatz, il-ġermanja); P-D Interglas Technologies GmbH (Erbach, il-ġermanja); P-D Industriegesellschaft mbH (Wilsdruff, il-ġermanja); u Glashütte Freital GmbH (Freital, il-ġermanja) (rappreżentanti: H. Janssen u G.-R. Engel, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti, assistiti minn A. Luke u C. Maurer, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 4424 final, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-miżuri implementati mir-Repubblika Federali tal-ġermanja favur l-elettriku minn sorsi rinnovabbli u favur l-utenti l-kbar tal-enerġija [Għajnuna mill-Istat SA. 33995 (2013/C) (ex 2013/NN)].

Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors ineżami.
- 2) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent imressqa mill-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA.
- 3) P-D Glasseiden GmbH Oschatz, P-D Interglas Technologies GmbH, P-D Industriegesellschaft mbH u Glashütte Freital GmbH għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u dawk tal-Kummissjoni Ewropea.
- 4) L-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 14.7.2014.